**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 10 TA' MEJJU, 2002**

**Numru: 7**

**Avviz Nru: 761/02AE**

**Island Sound Limited**

**Vs**

**Sliema Front Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf u sitt liri Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm1,006.31), hlas ta' prezz ghall-servizz ta' reklamar moghti lis-socjeta konvenut fuq Island Sound Radio.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti.

Semgha lill-avukat Dr. Anthony Vella in rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra d-dokumenti li gew prezentati mis-socjeta attrici (Dok. AV1 – AV3).

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma elf u sitt liri Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm1,006.31), bl-imghax skond il-ligi.

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**